

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/322****tat-22 ta' Frar 2017****dwar eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-  
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97***(notifikata bid-dokument C(2017) 1129)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet irreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' wħud mill-partijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 sa 7 tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Dazju antidumping bħalissa japplika fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' partijiet essenzjali ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 ("ir-Regolament ta' estensjoni") tad-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina").
- (2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-estensjoni, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tingħata s-setgħa biex tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma humiex ċirkomvenzjoni tad-dazju antidumping.
- (3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni") li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.
- (4) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżentat għadd ta' persuni li jarmaw ir-roti mid-dazju estiż ("il-partijiet eżentati").
- (5) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea listi suċċessivi tal-partijiet eżentati <sup>(4)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.<sup>(2)</sup> ĠUL 16, 18.1.1997, p. 55.<sup>(3)</sup> ĠUL 17, 21.1.1997, p. 17.<sup>(4)</sup> ĠU C 45, 13.2.1997, p. 3, ĠU C 112, 10.4.1997, p. 9, ĠU C 220, 19.7.1997, p. 6, ĠU C 378, 13.12.1997, p. 2, ĠU C 217, 11.7.1998, p. 9, ĠU C 37, 11.2.1999, p. 3, OJ C 186, 2.7.1999, p. 6, ĠU C 216, 28.7.2000, p. 8, ĠU C 170, 14.6.2001, p. 5, ĠU C 103, 30.4.2002, p. 2, ĠU C 35, 14.2.2003, p. 3, ĠU C 43, 22.2.2003, p. 5, ĠU C 54, 2.3.2004, p. 2, ĠU C 299, 4.12.2004, p. 4, ĠU L 17, 21.1.2006, p. 16 and ĠU L 313, 14.11.2006, p. 5, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 73, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 19, ĠU L 19, 23.1.2009, p. 62, ĠU L 314, 1.12.2009, p. 106, ĠU L 136, 24.5.2011, p. 99, ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86, ĠU L 119, 23.4.2014, p. 67, ĠU L 132, 29.5.2015, p. 32, ĠU L 331, 17.12.2015, p. 30.

- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni l-aktar reċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament ta' eżenzjoni kienet adottata fil-15 ta' Diċembru 2015 <sup>(1)</sup>.

### 1. TALBIET GĦAL EŻENZJONI

- (7) Il-Kummissjoni rċeviet mill-partijiet elenkati fit-tabelli 1 sa 3 hawn taħt it-talbiet għal eżenzjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina li dawn kienu ammissibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni.
- (8) Dawn il-partijiet ingħataw possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet tagħhom.
- (9) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet minn dawn il-partijiet, il-pagament tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-partijiet ġie sospiż mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-talbiet tagħhom.

### 2. AWTORIZZAZZJONI TAL-EŻENZJONIJET

- (10) L-eżaminazzjoni tal-mertu tat-talbiet mill-partijiet elenkati fit-tabella 1 ġiet konkluża.

Tabella 1

Kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
B963	PANEX DINAMIC d.o.o.	Dr. Tome Bratkovića 1, HR-40000 Čakovec, Croatia
C001	CICLI EUROPA s.r.l.	34 Via portella Bifuto, IT-93017 San Cataldo (CL), Italy
C002	OLYMPIQUE SARL	ZA Les Epalits, FR-42610 Saint-Romain-le-Puy, France
C021	Kuisele & Kuisele GmbH	Füssener Straße 22 a, DE-87675 Stötten, Germany
B960	In Cycles — Montagem e Comércio de Bicicletas Lda.	Żona Industrial De Barrô Norte/Sul, N.º 976, Fracção A/B e D, AP. 52, PT-3750-353 Barrô Águeda, Portugal
C053	Firma Handlowo-Uslugowo-Produkcyjna "Trans-Rower" Roman Tylec	Dąbie 47, PL-39-311 Zdziarzec, Poland

- (11) Matul l-eżaminazzjoni l-Kummissjoni stabbiliet li l-valur tal-partijiet li joriġinaw fiċ-Ċina jikkostitwixxu inqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet tar-roti assemblati minn dawn il-partijiet.
- (12) Konsegwentement, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħhom jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

<sup>(1)</sup> ĠUL 331, 17.12.2015, p. 30.

- (13) Għal din ir-raġuni, u skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-partijiet elenkati fit-tabella 1 jenħtieġ li jiġu eżentati mid-dazju estiż.
- (14) Skont l-Artikolu 7(2), l-eżenzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jibdew jgħoddu mid-data tal-wasla tat-talbiet tagħhom u, barra minn hekk, id-dejn doganali tagħhom fir-rigward tad-dazju estiż jenħtieġ li jitqies null mill-istess data.
- (15) Dawn il-partijiet ġew infurmati bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-merti tat-talbiet tagħhom u ngħataw opportunità biex jikkumentaw fuqhom.
- (16) Billi l-eżenzjonijiet se japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-tabella 1 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, jenħtieġ li l-partijiet eżentati jinnotifikaw lill-Kummissjoni <sup>(1)</sup> minnufih, dwar kwalunkwe bidliet għal dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, fil-forma ġuridika jew fl-indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ).
- (17) F'każ bħal dan, il-parti jenħtieġ li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

### 3. AĠĠORNAMENT TA' REFERENZI GĦAL PARTIJIET EŻENTATI

- (18) Il-partijiet eżentati elenkati fit-tabella 2 innotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-bidliet fir-referenzi tagħhom (l-ismijiet, il-foromoli legali jew l-indirizzi). Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni mressqa, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni.
- (19) Filwaqt li l-eżenzjoni ta' dawn il-partijiet mid-dazju estiż awtorizzata skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni tibqa' mhux affettwata, ir-referenzi għal dawn il-partijiet jenħtieġ li jiġu aġġornati.

Tabella 2

Kodiċi TARIC addizzjonali	Ir-referenza ta' qabel	Il-bidla
A662	Credat Industries a.s., V. Palkovicha 19 SK-946 03 Kolárovo, is-Slovakkja	L-indirizz tal-kumpanija nbidel għal: "Priemyselný areál 3415 SK-946 03 Kolárovo, Slovakia"
A247	AT Zweirad GmbH, Boschstrasse 18, DE-48341 Altenberge, Germany	L-indirizz tal-kumpanija nbidel għal: "Żur Steinkuhle 2, DE-48341 Altenberge, Germany"
A995	Planet X Ltd, Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham GB-S60 1FD, United Kingdom	L-indirizz tal-kumpanija nbidel għal: "Unit 38-41, Aldwarke Wharfe Business Park, Waddington Way, Rotherham, South Yorkshire GB-S65 3SH, United Kingdom"
A542	Biuro Ekonomiczno-Handlowe Jan Zasada, ul. Fabryczna 6, PL-98-300 Wieluń, Poland	L-isem u l-forma ġuridika tal-kumpanija nbidlu għal: "Biuro Ekonomiczno-Handlowe Jan Zasada Sp. z o.o."

<sup>(1)</sup> Il-partijiet huma mogħtija l-parir li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu

Kodiċi TARIC addizzjonali	Ir-referenza ta' qabel	Il-bidla
8983	Mara Cicli SRL, Via della Pergola 5, IT-21052 Busto Arsizio (VA), Italy	L-isem, il-forma ġuridika u l-indirizz tal-kumpanija nbidlu għal: "Mandelli SPA Via Tommaso Grossi 5, IT-20841 Carate Brianza (MB), Italy"
A605	Bohemia Bike a.s., Okružní 697, CZ-370 01 České Budějovice, Czech Republic	L-indirizz tal-kumpanija nbidel għal "Na Pankráci 1724/129 Nusle CZ-140 00 Praha 4, Czech Republic"

#### 4. SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦAL PARTIJET LI QED JIĠU EŻAMINATI

- (20) L-eżaminazzjoni tal-mertu tat-talba mill-partijiet elenkati fit-tabella 3 tinsab għaddejja. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mingħand dawn il-partijiet il-pagament tad-dazju estiż huwa sospiż.
- (21) Billi l-eżenzjonijiet japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-tabella 3 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, jenħtieġ li li dawn il-partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni <sup>(1)</sup> minnufih, dwar kwalunkwe bidla għal dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, fil-forma ġuridika jew fl-indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ).
- (22) F'każ bħal dan, il-parti jenħtieġ li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

Tabella 3

Kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
C003	Interbike Spółka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa, Poland
C049	Cycles Sport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, Preston, GB-PR5 8AS, United Kingdom
C170	Hermann Hartje KG	Deichstrasse 120-122, DE-27318 Hoya, Germany
C102	Uno Bike B.V.	Bovendijk 213, NL-3045 PD Rotterdam, The Netherlands
C128	VELOSPRINT S	Trnavská 40, SK-949 01 Nitra, Slovakia
C169	Pelago MFG oy	Tyynenmerenkatu 6 L3, FI-00220 Helsinki, Finland
C202	VANMOOF B.V.	Mauritskade 55, NL-1092 AD Amsterdam, The Netherlands

<sup>(1)</sup> Il-partijiet huma mogħtija l-pariri li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

### Artikolu 2

Il-partijiet elenkatati fit-tabella 1 hawn taħt huma b'dan eżentati mill-estensjoni bir-Regolament (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping definittiv fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 <sup>(1)</sup> fuq importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, l-eżenzjonijiet tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

L-eżenzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-tabella 1 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Il-partijiet eżentati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull bidla f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Tabella 1

#### Partijiet Eżentati

Kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
B960	In Cycles — Montagem e Comércio de Bicicletas Lda.	Żona Industrial De Barrô Norte/Sul, N.º 976, Fracção A/B e D, AP. 52, PT-3750-353 Barrô Águeda, Portugal	2.5.2014
B963	PANEX DINAMIC d.o.o.	Dr. Tome Bratkovića 1, HR-40000 Čakovec, Croatia	13.8.2014
C002	OLYMPIQUE SARL	ZA Les Epalits, FR-42610 Saint-Romain-le-Puy, France	28.10.2014
C001	CICLI EUROPA s.r.l.	34 Via portella Bifuto, IT-93017 San Cataldo (CL), Italy	10.11.2014
C021	Kuisle & Kuisle GmbH	Füssener Straße 22 a, DE-87675 Stötten, Germany	17.2.2015
C053	Firma Handlowo-Uslugowo-Produkcyjna "Trans-Rower" Roman Tylec	Dąbie 47, PL-39-311 Zdzierzec, Poland	1.7.2015

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 tat-8 ta' Settembru 1993 li jimponi dazju definittiv anti-dumping lejn il-Komunità ta' biċċikletti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju anti-dumping (ĠU L 228, 9.9.1993, p. 1).

## Artikolu 3

Ir-referenzi aġġornati għall-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 2 hawn taħt huma previsti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Dawn l-aġġornamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-dati previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Il-kodiċi addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti lil dawn il-partijiet eżentati kif stipulat fil-kolonna intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" jibqgħu l-istess.

Tabella 2

**Partijiet eżentati li għalihom għandha tiġi aġġornata r-referenza**

Kodiċi TARIC addizzjonali	Referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Data tad-dħul fis-seħħ
A662	Credat Industries a.s., V. Palkovicha 19, SK-946 03 Kolárovo, Slovakia	Credat Industries a.s., Priemyselný areál 3415, SK-946 03 Kolárovo, Slovakia	21.3.2016
A247	AT Zweirad GmbH, Boschstrasse 18, DE-48341 Altenberge, Germany	AT Zweirad GmbH, Żur Steinkuhle 2, DE-48341 Altenberge, Germany	17.2.2016
A995	Planet X Ltd, Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham GB-S60 1FD, United Kingdom	Planet X Ltd, Unit 38-41, Aldwarke Wharfe Business Park, Waddington Way, Rotherham, South Yorkshire GB-S65 3SH, United Kingdom	17.11.2016
8983	Mara Cicli SRL, Via della Pergola 5, IT-21052 Busto Arsizio (VA), Italy	Mandelli SPA, Via Tommaso Grossi 5, IT-20841 Carate Brianza (MB), Italy	1.1.2017
A605	Bohemia Bike a.s., Okružní 697, CZ-370 01 České Budějovice, Czech Republic	Bohemia Bike a.s., Na Pankráci 1724/129 Nusle CZ-140 00 Praha 4, Czech Republic	25.1.2017
A542	Biuro Ekonomiczno-Handlowe Jan Zasada ul. Fabryczna 6, PL-98-300 Wieluń, Poland	Biuro Ekonomiczno-Handlowe Jan Zasada Sp. z o.o. ul. Fabryczna 6, PL-98-300 Wieluń, Poland	2.1.2017

## Artikolu 4

Il-partijiet elenkati fit-tabella 3 hawn taħt qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjonijiet tal-pagament tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 għandhom jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Dawn is-sospensjonijiet għandhom japplikaw biss għall-partijiet eżaminati speċifikament imsemmija fit-tabella 3 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull bidla f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni.

Tabella 3

**Partijiet li qed jiġu eżaminati**

Kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
C003	Interbike Spółka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa, Poland	18.12.2014
C049	Cycles Sport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, Preston, GB-PR5 8AS, United Kingdom	27.4.2015
C102	Uno Bike B.V.	Bovendijk 213, NL-3045 PD Rotterdam, The Netherlands	24.11.2015
C170	Hermann Hartje KG	Deichstrasse 120-122, DE-27318 Hoya, Germany	29.9.2016
C128	VELOSPRINT S	Trnavská 40, SK-949 01 Nitra, Slovakia	14.4.2016
C169	Pelago MFG oy	Tyynenmerenkatu 6 L3, FI-00220 Helsinki, Finland	23.9.2016
C202	VANMOOF B.V.	Mauritskade 55, NL-1092 AD Amsterdam, The Netherlands	19.12.2016

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli 2, 3 u 4. Hija wkoll ippubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni  
Cecilia MALMSTRÖM  
Membru tal-Kummissjoni